# Litanija ta' San Ġużepp

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier Etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla, feddej tad-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu Qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità Alla wieħed | Ħenn għalina |
| | |
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| | |
| San Ġużepp | Itlob għalina |
| Rimja qaddisa ta' David | Itlob għalina |
| Dawl tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Għarus ta' Omm Alla | Itlob għalina |
| Missier putattiv ta' l-Iben ta' Alla | Itlob għalina |
| Ħarries-il ġid ta' Ġesù | Itlob għalina |
| Mexxej tal-familja mqaddsa | Itlob għalina |
| Ġużeppi, bniedem ġust | Itlob għalina |
| Ġużeppi, bniedem safi | Itlob għalina |
| Ġużeppi, qaddej fidil ta' Alla | Itlob għalina |
| Ġużeppi, eżempju ta' rabta mar-rieda ta' Alla | Itlob għalina |
| Ġużeppi, mudell tal-fedeltà | Itlob għalina |
| Ġużeppi, mera tas-sabar | Itlob għalina |
| Ġużeppi, għalliem tas-silenzju | Itlob għalina |
| Ġużeppi, ħaddiem mal-Mulej | Itlob għalina |
| Ġużeppi, mudell għall-missirijiet kollha | Itlob għalina |
| Ġużeppi, sies għall-familji tagħna | Itlob għalina |
| Ġużeppi, faraġ ta' l-imnikktin | Itlob għalina |
| Ġużeppi, tama tal-morda | Itlob għalina |
| Ġużeppi, dawl għall-mitlufin | Itlob għalina |
| Ġużeppi, faraġ ta' l-agonizzanti | Itlob għalina |
| Ġużeppi, tama ta' min imut f'idejk | Itlob għalina |
| Ġużeppi, patrun tal-Knisja kollha | Itlob għalina |
| Ħaruf ta' Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja | Aħfrilna, nitolbuk Mulej |
| Ħaruf ta' Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja | Ismagħna, nitolbuk Mulej |
| Ħaruf ta' Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja | Ħenn għalina |

Nitolbu

O Alla, li fil-providenza tiegħek ta' l-għaġeb, għoġbok tagħżel lil San Ġużepp biex ikun l-għarus tal-Verġni Marija u misser ħabireki għal Ibnek, agħtina nitolbuk, li jkun jistħoqqilna, li jidħol għalina quddiemek, bħala protettur tagħna. Bi Kristu Sidna. Amen.

## Talba lil San Ġużepp

O mbierek San Ġużepp, missier kollok ħlewwa, qaddej fidil ta' Alla, għarus tal-Verġni Omma Alla, nitolbuk tingħaqad magħna biex infaħħru lill Alla l-Missier b'Ibnu l-waħdieni li miet fuq is-salib u qam mill-mewt biex, lilna midinbin, jagħtina ħajja ġdida.

Aħna kemm-il darba nqasna mill-kelma li tajna lil Alla u nfridna mill-imħabba bla tarf tiegħu. Itlob lil Ġesù għalina. Idħol għal dawk li huma mnikkta, għal dawk li jinsabu fl-inkwiet, għal dawk li jixtiequ jsibu mill-ġdid is-sens fil-ħajja tagħhom, għal dawk li jixtiequ jdaħħlu l-paċi u l-gaħqda fil-familji tagħhom, għalina li ħtarnik biex tħarisna, għal dawk li llum qed jiġu msejħa biex jiltaqgħu ma' Alla wiċċ'imb'wiċċ.

Agħmel li aħna ma nwarrbu qatt minn ħajjitna l-imħabba bla qies ta' Alla. Għinna biex, bħalek u bħal Ommna Marija, inżommu dejjem lil Ġesù f'qalbna, biex bħalkom ukoll, meta jasal il-waqt, ningħaqdu magħkom u ma' Alla għal dejjem. Amen.

Skond il-fehma tal-Papa u għall-bżonnijiet tal-Knisja.

Missierna, Sliema u Glorja.

R./ San Ġużepp, Patrun tal-Parroċċa tagħna;

V./ Bit-talb tiegħek, ħarisna u ieqaf magħna.

# Jum 1
# Missier Putattiv ta' Ġesù

1. San Ġużepp, int kellek ix-xorti li jkollok sehem fil-misteru tal-inkarnazzjoni bħala dak li jieħu ħsieb it-trobbija ta' l-Iben ta' Alla. Marija, l-għarusa tiegħek lagħqetu fi ħdanha meta aċċettat li tkun il-qaddejja tal-Mulej. Int ħaristhom it-tnejn. Alla sejjaħlek biex f'idejk iħalli lil Ibnu u lil ommu fiż-żmien id-dgħajjef fil-ħajja tagħhom.

2. Kont inti, l-ewwel wieħed li lqajt f'dirgħajk lill-Iben ta' Alla magħmul bniedem; inti l-ewwel wieħed li ħarist f'għajnejh; inti l-ewwel wieħed li smajt il-bikja tat-tarbija Alla; inti l-ewwel wieħed li tajtu dak li kellu bżonn, tarbija ċkejkna. U jekk kliemu, meta kber huwa minnu, li kull min jgħati mqar tazza ilma lil xi ħadd minn dawn iż-żgħar, għax huwa tal-Messija, ma jibqax mingħajr il-ħlas tagħha, kemm jistħoqqlok ħlas kbir int, li ħarist u qdejt lilu stess b'qalbek kollha sa minn meta ra d-dawl tal-ħajja bħala bniedem.

Missierna, Sliema u Glorja.

3. Permezz tiegħek, il-Missier ried li jagħti l-formazzjoni ta' Ibnu bħala bniedem f'idejk. Int għallimtu jikber u jgħix ta' raġel, bieżel fis-sengħa u fix-xogħol tiegħu, għallimtu l-liġi u l-profeti kif jagħmel kull missier li jrid lil Ibnu jikber fl-għarfien tiegħu ta' Alla, għallimtu x'jiġifieri jżomm kelmtu, jagħti lilu nnifsu, kif int tajt ħajtek biex taqdi ir-rieda tal-Missier u għalih kont l-eżempju fl-ubbidjenza tal-liġi ta' Alla.

4. Meta Erodi fittex lit-tifel biex joqtlu, il-Missier bagħat l-anġlu tiegħu biex iwissik dwar il-ħsara li setgħet tiġri u ħalla f'idejk biex teħles lit-tarbija u lil ommha minn idejn min bejjet f'qalbu l-ħażen. Kienet l-imħabba tiegħek ta' missier li qanqlitek biex tilqgħu f'dirgħajk u, flimkien ma' Marija, fid-dlam tal-lejl itterraq fid-deżert lejn l-Eġittu u hemm tibni darek mill-ġdid, dar li tixraq lilu u lil Marija. U meta d-dlam tal-mewt għadda, meta reġa' feġġ id-dawl, għax miet min ried il-ħsara tat-tifel, int erġajt qbadtu minn idu u mexxejtu lejn Nażaret. Dak kollu li kull iben jaf li ħa mingħand missieru Ġesù ħadu mingħandek, għax int kont għalih missier u hu għalik kien iben.

Missierna, Sliema u Glorja.

5. Int ħabbejt lil Kristu b'imħabba mill-aqwa. Alla sawwab fik qalb mimlija imħabba kbira għal Ibnu, ikbar minn kull imħabba li missier jista' jkollu għal uliedu.

6. Int tajtu lilek innifsek mingħajr ma qagħadt tqis x'kienu l-pjanijiet tiegħek, imma mhux mingħajr tbatija. Ma ħdimtx għalik innifsek, iżda ħdimt għalih, u permezz

tiegħu għal dawk kollha li emmnu fih, għalina lkoll. Int iċċekkint kemm flaħt biex jidher Hu, u meta wasal biex jibda l-ħajja tal-ministeru tiegħu, int ma dehertx aktar.

Missierna, Sliema u Glorja.

7. Għal Ġesù, int kont id-dell tal-Missier, mhux biss biex tħarsu u tkabbru, iżda wkoll biex fik jara dak li hu l-Missier. Fik hu ra l-kwalitajiet u l-ħiliet li missier għandu jkollu ma' Ibnu, u min jaf kemm-il darba, meta kiber, Hu stess tkellem fuq il-Missier, kellu lilek ukoll f'moħħu, lilek u dak kollu li għallimtu, dak kollu li tajtu.

8. Int flimkien ma' Marija kont l-iktar wieħed li għex fl-qrib ta' Ġesù. Int kellek lilu qrib tiegħek bħala bniedem, imma kien iktar qrib tiegħek bħala Alla, iktar fik milli ħdejk, iktar b'qalbek f'qalbu, milli idu f'idek. F'idejk, il-Missier afda l-misteru tal-fidwa tagħna meta kien għadu fil-bidu tiegħu, u int ħaristu b'imħabba u b'qima. Mhux ta' b'xejn li aħna nagħtuk ġieħ bħala l-patrun tagħna, dak li jħarisna, dak li jieħu ħsiebna.

Missierna, Sliema u Glorja.

9. San Ġużepp, illum aħna nroddu ħajr lil Alla għall-ġieħ li tak meta għażlek biex tkun il-missier putattiv ta' Ibnu. B'radd ta' ħajr lil Alla għal din is-sejħa li għamillek, idħol għalina quddiemu u aqla għalina lkoll il-grazzja li nħobbu lil Ġesù bl-istess imħabba li biha ħabbejtu int. Għinna naqduh b'imħabba kbira mingħajr biża' mit-tbatija u għinna nilħqu l-qofol tal-qdusija b'ħajjitna kif ilħaqtu int.

Missierna, Sliema u Glorja.

# Talba

Ftakar o raġel ġust quddiem Alla u f'għajnejn il-bnedmin, għarus tal-verġni Marija, missier għalina lkoll, li ħadd qatt ma talab l-għajnuna tiegħek fi ħtiġijietu, u ma qalax, għat-talb tiegħek, il-faraġ. Għalhekk inġbarna hawn quddiemek, biex nitolbuk tħarisna kif ħarist lil Ġesù, l-Iben ta' Alla. La twarrabx it-talb tagħna, iżda ismagħna u idħol għalina. Amen.

# Jum 2
# Għarus Kastissmu ta' Marija Verġni

1. San Ġużepp, illum nagħtuk ġieħ bħala r-raġel ta'Marija, Verġni u Omm Alla. Kif tgħid sewwa sew il-Kelma ta' Alla: *Ġakobb nissel lil Ġużeppi ir-raġel ta' Marija, li minnha twieled Ġesù li jsejħulu l-Kristu* (Mt 1,16). Iż-żwieġ tiegħek ma' Marija kien ifisser l-għotja sħiħa tagħkom lil xulxin quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. Marija, b'dak kollu li kienet u b'dak kollu li kellha saret tiegħek u int b'dak kollu li int u b'dak kollu li kellek sirt tagħha. Ħadd daqsek ma stħaqqlu l-imħabba, ir-rispett u l-ubbidjenza tagħha.

Missierna, Sliema u Glorja.

2. Int ix-xhud tal-verġinità tagħha. Fiż-żwieġ tagħkom, għar-rieda ta' Alla intom tajtu s-safa tagħkom lil xulxin, int ħarist is-safa tagħha u hi ħarset is-safa' tiegħek. Dan kollu kien fil-pjan qaddis ta' Alla meta bagħat l-anġlu tiegħu għand Marija biex iħabbrilha t-twelid ta' l-Iben tiegħu minnha. Kien hekk li l-maternità ta' Marija u s-safa' tagħha setgħu jingħaqdu flimkien u jsiru possibli fil-persuna tagħha.

Missierna, Sliema u Glorja.

3. Din l-għaqda tiegħek magħha fiż-żwieġ, mhux biss ressqitek qrib tagħha, mhux biss għenitek biex issir tafha iżjed, l-isbaħ ħlejqa li ħarġet minn idejn Alla, iżda flimkien intom stajtu tagħtu sehem lil xulxin mill-ġid spiritwali tagħkom, il-ħajja tagħkom ma' Alla. Marija sabet fik is-sieħeb fidil, umli, kalm mimli bil-virtù, bir-rispett u bil-qdusija. X'ġieħ kbir kellek minn din l-għaqda magħha, li l-Iben ta' Alla jseħjħilha Ommu. U bħal ma Ġesù kien iben tagħha, hekk ukoll kien tiegħek, minkejja li kien mogħti lilek minn Alla b'mod straordinarju. Int kont missieru quddiem il-liġi u quddiem il-bnedmin. Iż-żwieġ tiegħek ma' Marija kien il-mod kif Alla, fil-providenza tiegħu ta' l-għaġeb ried li Ibnu jidħol fid-dinja, u biex aħna nagħrfuh bħala s-Sid u l-Mulej tagħna, dak li wasslilna l-imħabba kbira ta' Alla.

Missierna, Sliema u Glorja.

4. L-Iben waħdieni ta' Alla ried jafda f'idejk u fil-ħajja ġusta tieħek il-aħrsien ta' Ommu Marija. Il-ħajja ta' Marija kienet biss biex tkun Omm il-feddej, li ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-midinbin. Int kont is-sieħeb fidil ta' Marija, lilha tajt kull għajnuna fil-ħtiġijiet tagħha, kont faraġ għaliha u mudell ta' sabar, fil-faqar u fit-tbatija. Int għext magħha s-sabiħ intom u taraw lil Ġesù jikber fit-tul u fil-grazzja quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. Ħabbejtha dejjem u

kullimkien. Marija kienet tiegħek u miegħek f'kollox. L-għaqda ta' bejnietkom kienet imsaħħa mill-Ispirtu Qaddis ta' Alla. Il-fiduċja li kellkom f'xulxin, kiene il-fiduċja mnissla minn Alla nnifsu.

Missierna, Sliema u Glorja.

5. Qaddis Ġużeppi, inroddu ħajr lil Alla miegħek għax għażlek minn fost il-bnedmin biex tkun ir-raġel ta' Marija. Aqlgħilna l-grazzja mingħand Ġesù li ma nieqfu qatt inħobbuh, nibqgħu dejjem fidili lejh kif int ħabbejt u kont fidil lejn Marija. Itlob għalina biex aħna wkoll inħarsu s-safa tal-ġisem tagħna u tal-bnedmin l-oħra għax ilkoll maħluqin xbieha ta' Alla, u fil-magħmudija tagħna sirna wkoll tempji fejn jgħammar Alla.

Missierna, Sliema u Glorja.

# Talba

Ftakar o raġel ġust quddiem Alla u f'għajnejn il-bnedmin, għarus tal-verġni Marija, missier għalina lkoll, li ħadd qatt ma talab l-għajnuna tiegħek fi ħtiġijietu, u ma qalax, għat-talb tiegħek, il-faraġ. Għalhekk inġbarna hawn quddiemek, biex nitolbuk tħarisna kif ħarist lil Ġesù, l-Iben ta' Alla. La twarrabx it-talb tagħna, iżda ismagħna u idħol għalina. Amen.

# Jum 3
# Il-Bniedem magħżul mit-Trinità

1. San Ġużepp, int kont magħżul minn Alla l-Missier; riedek tkun minfloku hawn fuq l-art, ugħalhekk inti mżejjen b'kull grazzja biex ikun jistħoqqlok tagħmilha ta' Missier għall-Iben ta' Alla.

Missierna, Sliema u Glorja.

2. Int kont magħżul minn Alla l-Iben. L-Iben ta' Alla ried li fuq l-art ikollu missier li jixraqlu jkollu taħt il-ħarsien tiegħu lilu, u għalhekk huwa nissel fik kull don u kwalità, b'mod speċjali l-imħabba tiegħu. Il-qdusija tiegħek titqies bil-mod kif int għext bħal Ġesù. Int ingħatajt kollok kemm int għalih; taħdem miegħu u qrib tiegħu, toffrilu l-virtujiet tiegħek, it-tbatija tiegħek, il-ħajja tiegħek kollha kemm hi. Ġesù għex fik tant li bidlek fih. Hawnhekk tinsab il-qdusija tiegħek. Daqskemm kont qrib tiegħu daqshekk ieħor sirt tixbħu.

Missierna, Sliema u Glorja.

3. Int kont magħqżul mill-Ispirtu s-Santu. Hu l-imħabba bejn il-Missier u l-Iben, il-qalba tal-ħajja f'qalb Alla Trinità. Fil-għerf tiegħu jiġbed lejh il-bnedmin kollha, il-ħolqien kollu, imexxihom lejn l-għan tagħhom u jagħtihom kull għajnuna biex jilħqu dak li ġew imsejħin għalih. Kull sejħa u t-twettiq ta' kull vokazzjoni ġej mill-Ispirtu s-Santu. Bħala missier putattiv ta' Ġesù, int kellek sejħa mill-aqwa, u mgħobbija b'responsabiltà, jiġifieri litiftaħ it-triq għa-redenzjoni tad-dinja, u tħejji għaliha billi tieħu ħseib u trabbi iż-żogħżija tal-Bniedem Alla. F'din il-ħidma int imxejt id f'id ma' l-Ispirtu ta' Alla. Ruħ il-Qodos imexxi u inti tobdi u twettaq il-ħidma. Kemm jistħoqqlok ġieħ għall-ubbidejnza tiegħek għal-liġi ta' l-Imħabba ta' Alla.

Missierna, Sliema u Glorja.

4. Il-kliem mit-Testment il-Qadim, meta l-farawni jitkellem dwar Ġużeppi, iben ta' Ġakobb ukoll, prinċep ta' l-Eġittu, joqgħod għalik : *Nistgħu insibu bniedem ieħor bħal danmimli daqsu bl-Ispirtu ta' Alla, għaref bħalu?* (Ġen 41,38) Is-sehem tiegħek fil-ħidma ta' Alla, fil-pjanijiet tiegħu mhu xejn inqas minn dak ta' Ġużeppi il-Prinċep tal-Eġittu.

Missierna, Sliema u Glorja.

# Talba

San Ġużepp, inroddu ħajr lil Alla talli għażlek biex tkun il-qaddej ġust tiegħu. Idħol għalina quddiem Alla u aqlgħilna l-grazzj ali nimitaw lilek fil-virtujiet tiegħek biex aħna

wkoll inkunu nogħġbu lill-qalb ta' Alla. Għinna biex ningħataw kollna kemm aħna għall-qadi tiegħu u t-twettiq tar-rieda qaddisa tiegħu, biex aħna wkoll nilħqu s-sema u, bħalek, ningħaqdu għal dejjem ma' Alla. Amen.

# Jum 4
# Qaddej Fidil

1. Ftakar San Ġużepp, li int għext għal għan wieħed, li taqdi il-verb ta' Alla magħmul bniedem, Ġesù Kristu. It-tnissil tiegħek minn demm is-slaten, il-grazzji mogħtija lilek minn Alla, kollha kienu tiegħek biex int taqdi lil Alla magħmul bniedem. Kull kelma, ħsieb u u l-imġieba kollha kienu tiegħek u għandek ta' ġieħ għall-Iben ta' Alla. Int kont il-Qaddej fidil u għaqli li ħa ħsieb id-dar ta' Alla.
   Missierna, Sliema u Glorja.

2. Kemm kienet perfetta l-ubbidjenza tiegħek. Fil-Familja Mqaddsa int kont imsejjaħ biex tmexxi, imma int mhu biss kont tmexxi lil Ġesù, iżda kont id-dixxiplu tiegħu. għal tletin sena sħaħ, int rajt lill-Ibne ta' Alla jbaxxi rasu u jobdi, u hekk int għalimt minnu tinsa lilek innifsek u taqdi ir-rieda tal-Missier. Matul ħajtek dejjem obdejt lil Alla, il-leħen tal-kuxjenza tiegħek u lil min għandu s-setgħa jmexxi l-pajjiż.
   Missierna, Sliema u Glorja.

3. Meta Alla bagħat lill-Anġlu għandek biex jurik li għandek tieħu ħsieb Marija, int obdejt minkejja l-misteru tat-tqala tagħha. Meta kont mitlub bie xtaħrab lejn l-Eġittu bi tbatija kbira, qbadt u tlaqt mingħajr anqas biss ftaħt fommok fl-iċken tgergira. Meta Alla bagħat jgħidlek f'ħolma biex tiġbor ġidek u terġa lura lejn Nażaret, int imxejt skond kif uriek. F'kull sitwazzjoni, l-ubbidejnza tiegħek kienet sempliċi daqs il-fidi tiegħek u umli daqs il-qalb tiegħek. Kont tobdi mill-ewwel daqskemm kont tħobb mill-ewwel. L-ubbidjenza tiegħek kienet f'kollox u għalhekk qdejt dejjem, f'kollox u sa l-aħħar.
   Missierna, Sliema u Glorja.

4. San Ġużepp, fik hemm il-qofol tal-virtù ta' l-għotja sħiħa, li tagħmlek tassew il-Qaddej il-Fidil. Kull mument ta' ħajtek kien ikkonsagrat għall-qadi tal-Mulej; xogħol, mistrieħ irqad u tbatija, kienu l-ħin kollu mogħtija lil Alla. Int kont fidil lejn id-dmirijiet kollha tiegħek, u għalhekk issagrifikajt kollox u ma rbatt qalbek ma' xejn ħlief mar-rieda tal-Missier. Kont lest titlaq il-ħemda u s-sliem ta' Nażaret biex tmixi id-f'id mal-pjan ta' Alla. Il-qalb kbira tiegħek mexxietek matul ħajtek kollha. Kont lest li tagħti ħajtek għall-imħabba ta' Ġesù u ta' Marija. U dan kollu għamiltu mingħajr qatt ma stennejt ir-radd ta' ħajr jew tifħir.
   Missierna, Sliema u Glorja.

5. Iżda Alla, minħabba l-ubbidjenza tiegħek, riedek tkun ukoll ko-operatur fis-salvazzjoni tad-dinja. Hu ħalla f'idejk il-ħarsien u t-trogħbbija ta' l-Iben Divin tiegħu. Hu ried li inti tkun fqir u li tbati, għalix kellek tkun ta' eżempju għall-Iben tiegħu li

ġie biex jeħles lill-bniedem mill-faqar u mill-mewt bit-tbatija u l-mewt tiegħu. Int qsamt ma' l-Iben ta' Alla l-ewwel tbatijiet f'ħajtu bħal bniedem. Il-Missier fik sab il-qaddej il-fidil li jgħin lill-Ibnu fil-ħidma tiegħu fuq l-art.

Missierna, Sliema u Glorja.

## Talba

San Ġużepp, inroddu ħajr lil Alla għall-ġieħ li tak li tkun il-qaddej tiegħu. Idħol għalina quddiem il-Mulej li nkunu qaddeja tiegħu sewwa sew kif kont int. Għinna nobdu kif obda Ġesù li ġie mhux biex iwettaq ir-rieda tiegħu iżda r-rieda tal-Missier. Għinna nafdaw iżjed fil-Provvidenza ta' Alla u nemmnu tassew li jekk nagħmlu r-rieda tiegħu, huwa jagħtina kollox, jieħu ħsieb kull ħtieġa tagħna fir-ruħ u fil-ġisem. Għinna nibqgħu b'rasna fuq għonqna fis-saram, ċerti li Alla se jeħlisna. Itlob għalina biex nimitaw il-qalb kbira tiegħek, għax xejn ma hu iktar ta' ġieħ għalina milli nkunu qaddejja fidili ta' Alla. Amen.

# Jum 5
# Patrun tal-Knisja Kollha

1. San Ġużepp, lilek Alla ħatar patrun tal-knisja kollha, għax int kont il-kap tal-Familja Mqaddsa, u għalhekk il-Knisja għandha tħares lejk biex tħares lejk u timitak. Is-sejħa tiegħek biex tkun il-mexxej tal-Familja Mqaddsa, biex tkun ir-raġel ta' Marija Verġni u bie xtkun l-missier putattiv tal-Iben ta' Alla, jagħmluk membru ewlieni tal-knisja għax il-Familja Mqaddsa kienet biex tkun il-Knisja.

   Missierna, Sliema u Glorja.

2. Aħna nemmnu li l-Knisja hija l-familja ta' Alla fuq din l-art. It-tmexxija tagħha hija f'idejn is-saċerdoti li ġew mogħtija s-setgħa minn Ġesù stess. Huma ġew ordnati biex permezz ta' l-Ewkaristija jkomplu l-preżenza rejali ta' Kristu fid-dinja. Minn hawn ġejja wkoll is-setgħa tagħhom li jmexxu l-Knisja billi jgħallmu u jiggwidaw lill-Insara, jgħaqqduhom mill-ġdid ma' Alla fis-sagrament tal-Qrar, iberkuhom u jitolbu għalihom.

   Missierna, Sliema u Glorja.

3. Int għandek rabta qaddisa mas-saċerdozju għaliex kont int li tieħu ħsieb is-Saċerdot ewlieni, Ġesù Kristu. Il-ħidma tiegħek marbuta ma' Ġesù wasslet biex jikber u hekk twasslu lid-dinja, kif is-saċerdoti jwassluh lilna fl-Ewkaristija. Il-Kelma ta' Alla turina fik xebħ kbir ma' Ġużeppi li ħażen il-qamħ biex jitma' l-poplu tiegħu. Inti wkoll waqt li kont tieħu ħsieb Ġesù fi tfulitu, kont qiesek qe dtaħżen il-qamħ biex meta jkun il-waqt isisr ikel għalina, ikel li jagħtina l-ħajja ta' dejjem.

   Missierna, Sliema u Glorja.

4. Alla ħatrek Patrun tal-Knisja għaliex int meqjuż bħala wieħed mill-patrijarki; dawk il-bnedmin li għenu fit-tnissil tal-poplu tiegħu. Huma kienu il-kapijiet ta' familji li Alla permezz tagħhom ħejja għall-miġa tal-Messija. Int wieħed minnhom għax kont l-aħħar wieħed fosthom mill-familja ta' David u l-iktar wieħed qrib ta' Ġesù. Teżisti rabta kbira bejnek u bejn l-Ibne ta' Alla magħmul bniedem, għax int żewġ Marija, u missier putattiv ta' Ġesù. Il-vokazzjoni tiegħek kienet marbuta ma' Kristu, u l-ħajja tiegħek kollha kellha bħala fus lilu. Int għalhekk meqjuż bħala l-għeluq tat-Testment il-Qadim u l-ftuħ tat-Testment il-Ġdid, li beda eżatt bil-ġrajja tal-Familja Mqaddsa li tagħha int kont il-kap. U minħabba li t-Testment il-Ġdid jiżboq it-Testment il-Qadim, Inti tiżboq il-patrijarki l-oħra kollha.

   Missierna, Sliema u Glorja.

5. Il-knisja hija midjuna ma' Marija għax mingħandha rċeviet lil Kristu. Iżda aħna, bħala Knisja, nħossuna midjuna lejk ukoll b'qima u radd il-ħajr, għaliex int, bir-rabta

tiegħek mar-rieda ta' Alla, ħallejt lil Missier jużak bl-Ispirtu tiegħu, biex l-Iben ta' Alla jiġi u jgħix f'familja, skond il-liġi. Huwa għalhekk mertu tiegħek ukoll, li l-patrijarki, il-profeti u dawk kollha li emmnu fi Kristu, setgħu jaħsdu l-ġid kollu li Alla ħejja għalihom fil-wegħda tiegħu. Int kellek ix-xorti li bgħajnejk tħares lejn wiċċ dak li kellu jkunu is-Salvatur tad-dinja.

Missierna, Sliema u Glorja.

# Talba

San Ġużepp, inroddu ħajr lil Alla għall-ġieħ li tak li tkun il-patrun tal-Knisja kollha. Itlob 'l Alla għalina biex inkunu membri denji tal-Knisja Mqaddsa. Bierek lis-saċerdoti, lir-reliġjużi u l-lajċi kollha fil-Knisja, biex nikbru fl-imħabba ta' Alla u nkunu fidili fil-qadi tiegħu. Ħares il-Knisja minn kull ħażen li jheddidha. J'alla bl-interċessjoni tiegħek il-Knisja tkompli twettaq sa l-aħħar, kif għamilt int, il-ħidma tagħha fuq din l-art għall-glorja ta' Alla u għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Amen.

# Jum 6
# Patrun tal-Familji

1. San Ġużepp, nagħtuk qima llum bħala r-ras tal-Familja Mqaddsa. F'din il-familja tidher il-ħidma tiegħek sa mill-bidu tagħha, fit-tmexxija tagħha, fil-ħarsien tagħha, fix-xogħol tiegħek u fil-mewta tiegħek f'idejn Ġesù u Marija. Kull nifs li ħadt, kull kelma li għidt, kull imġieba tiegħek kienu fi ħdan din il-familja. Il-kittieb ta' l-Evanġelju ta' San Luqa jgħidilna fi ftit kliem dwar il-ħajja tagħkom f'Nażaret: *U t-tifel niżel magħhom u ġie f'Nażaret u kien joqgħod għalihom f'kollox*. Iżda għalkemm ftit, dawn il-kliem juru ċar ir-responsabiltà tiegħek u l-grazzja li biha kont mimli f'dawk is-snin ta' ħajja moħbija ġewwa Nażaret.

   Missierna, Sliema u Glorja.

2. Fil-ħajja tagħkom f'Nażaret tidher fl-aqwa tagħha l-imħabba kbira ta' Alla. Hemm rabta tal-qlub u l-fehma bejnek u Marija u Ġesù. Ma jistax ikun li ma kontux marbutin flimkien b'l-istess imħabba li tgħix f'Alla stess. Ġesù għażel li jobdik bħal iben fidil lejn missieru, u kien jagħtik il-ġieħ u r-rispett li jitħoqq lil kull missier, u Marija ħabbitek bħala martek b'fedeltà kbira. U int ma bqajtx lura, għax imxejt magħhom ukoll bl-ikbar qima u ġieħ li kien jistħoqqilhom. L-ispirtu s-Santu nisselfik imħabba ta' missier lejn it-tfajjel Ġesù u nemmnu li qatt ma waqaft tistgħaġeb bil-grazzja mogħtija lil martek Marija hi u tgħix ta' kuljum id-dmirijiet tagħha ta' mara miżżewġa u ta' omm. Dan kollu għenek tikkonsagra lilek innifsek għalihom u l-imħabba li wrejt magħhom fil-bidu tas-sejħa tiegħek, kibret dejjem iżjed int u tgħix magħhom.

   Missierna, Sliema u Glorja.

3. Alla ħatrek bħala Patrun tal-familji, għax int tqaddist bħala kap tal-Familja Mqaddsa u għint biex jikbru fil-qdusija lil Marija u lill-Iben ta' Alla stess. Il-Kelma ta' Alla turina li minkejja l-inkwiet u s-saram kollu li ltqajtu miegħu, qatt ma tliftu l-paċi u l-ferħ li jaf jagħti Alla biss. Int ħarist il-familja tiegħek, mexxejtha u farraġtha f'kull bżon u f'kull ġrajja li għexet. U kif int għalina eżempju ta' tjubija, il-ħeġġa tiegħek il-ħrara biex tafda dejjem fil-providenza ta' Alla, u l-imħabba tiegħek lejn dak li jmexxi kollox huma għalina ta' eżempju kif nimxu id-f'id ma' Alla biex naqdu r-rieda tiegħu.

   Missierna, Sliema u Glorja.

4. Int għożżejt kull esperjenza li għext flimkien ma Marija u Ġesù; il-ferħ u t-tbatija li ġarrabtu flimkien għalik kienu l-mezz kif iġġarrab il-ħajja ta' Alla. Għalhekk kull familja hija għażiża għalik. Int li għixt din il-ħajja, taf bil-kobor ta' l-imħabba li Alla stess tefa' f'kull familja; taf li kull familja għandha tkun l-aqwa sinjal tal-qawwa ħallieqa ta' Alla l-Missier u r-ruħ li tgħajjex ta' l-Ispirtu s-Santu. U minħabba il-

paternità tiegħek, u l-interċessjon blaq waqfien tiegħek għall-familji kollha, int jistħoqqlok post f'kull dar fejn jgħixu l-familji tagħna.

Missierna, Sliema u Glorja.

## Talba

San Ġużepp, inroddu ħajr lil Alla għall-ġieħ li tak li tgħix fil-Familja Mqaddsa u tmexxiha. Aqlgħalna l-grazzja tal-barka mingħand Alla fuq il-familji tagħna. Agħmel minn djarna is-saltniet ta' Ġesù u Marija fejn ikun hemm is-sliem, il-ferħ u l-imħabba. Nitolbuk ukoll għall-familji Nsara kollha. L-għajnuna tiegħek hija meħtieġa ħafna biex l-għedewwa kollha tal-familji tagħna ma jirbħuniex għal magħhom. U bħal ma ħarist minn kull qawwa tal-Ħażin lil Familja Mqaddsa, hekk ukoll ħares u ħeġġeġ il-qdusija fil-familji tagħna. Agħmel minn djarna santwarji ta' talb, imħabba, paċenzja, sagrifiċċju u xogħol. J'Alla jkunu mfassla u mibnija fuq il-ħajja tagħkom f'Nażaret. Ibqa' magħna flimkien ma' Ġesù u Marija biex jirnexxilna ngħelbu l-piki, il-kilba għall-flus, l-għira, l-inġustizzji, l-injoranza, il-ħsibijiet imqanqla mill-qawwa tal-ħażen u minn min irid ikisser il-familji tagħna. Agħmel li nsaħħu u ngħaqqdu l-familji tagħna ħalli meta l-Mulej isejħilna nkunu familja waħda mal-Familja Mqaddsa għal dejjem. Amen.

# Jum 7
# Patrun tal-Ħaddiema

1. San Ġużepp, int għaddejt ħafna mill-ħin tiegħek f'Nażaret taħdem ta' mastrudaxxa. Kienet ir-reida ta' Alla wkoll li int u L-Iben tiegħu magħmul bniedem tkun flimkien taħdmu xogħol ta' l-idejn. B'din il-ħidma tagħkom it-tnejn flimkien intom sirtu eżempju u mudell għal dawk kollha li jaħdmu. L-Iben ta' Alla ġie fid-dinja l-iktar għall-fqar, dawk li huma mgħaffġin taħt it-toqol tal-ħajja biex jistgħu jgħixu, kif qal hu stess fis-Sinagoga ta' Nażaret meta qara mill-ktieb ta' Isaija: *L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani bie xinwassal l-aħbar it-tajba lill-fqajrin... dan kollu seħħ illum, intom u tisimgħu* (cf Luqa 4) Kien fil-pjan ta' Alla li int ħaddant, li tkun taħdem bħalma jagħmlu l-biċċa l-kbira tal-bnedmin biex jaqilgħu x'jieklu. Hu b'hekk li l-Iben ta' Alla magħmul bniedem jurina li għal dawk li huma fqar u umli hemm merfugħa grazzji kbar, kemm-il darba huma jgħixu skond il-pjan li l-providenza divina ħejjiet għalihom. *Imberkin il-fqar f'l-ispirtu, għax tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet* (Mt 5, 3).

   Missierna, Sliema u Glorja.

2. Ix-xogħol ta' mastrudaxxa fir-raħal żgħir ta' Nażaret għenek tgħix il-virtù ta' l-umiltà. Ħadd daqsek ma seta' jara lil Ġesù jgħix f'kull ħin l-umiltà ta' l-Iben ta' Alla - virtù li tant kienet għal qalbu. Hu m'għażilx għalih in-nifsu l-palazzi u l-qrati tas-slaten, lanqas l-imkejjen ta' l-għorrief, iżda l-ħanut tax-xogħol f'Nażaret. Hemmhekk int u Hu għextu fil-kwiet u s-satra minn għajnejn kulħadd u hekk stajt tara lil Alla magħmul bniedem jaħdem u jistinka biex jaqla' l-għajxien. Kemm għandhom x'jitgħallmu l-ħaddiema kollha mill-ħajja tagħkom.

   Missierna, Sliema u Glorja.

3. Filwaqt li idejk kienu jaħdmu u jiffurmaw l-injam, moħħok kien kif Alla kien qed jaħdem u jifforma lilek. Mingħand Ġesù tgħallimt taħdem fil-preżenza ta' Alla f'ambjent ta' talb, għax Hu wkoll, waqt li jaħdem kellu f'moħħu lill-Missier u l-ġid tal-bnedmin kollha. Mingħand Ġesù tgħallimt ukoll il-kobor tal-verità li ġie bies iwassal, tgħallimt timxi fit-triq tas-sewwa, tgħallimt is-siwi li torbot qalbek biss mall-ħajja ta' dejjem.

   Missierna, Sliema u Glorja.

4. Int u taħdem fis-sengħa tiegħek stajt ukoll tirrifletti dwar il-kobor u l-għerf ta' Alla Ħallieq. Kont taf li bħal ma int kont mgħallem fis-sengħa tiegħek, Alla fl-imħabba tiegħu kien Mgħallem fil-ħolqien u għalhekk stajt tifhem u tapprezza ħafna iktar kull

ħaġa maħluqa, għax indunjat li kienet ġejja mill-imħabba ta' Alla, u maħduma b'perfezzjoni ta' l-għaġeb. Kemm għandna x'nitgħallmu minnek u filwaqt li nużaw id-doni li Alla żejjinna bihom biex insebbħu l-ħolqien u ntejbu l-ħajja tal-bnedmin, inħarsu lejn Alla, li nissel u ħalaq kollox u nroddulu ħajr u nitolbuh jgħinna nibżgħu għalina nfusna u għall-ambjent li ħalqilna biex ngħixu fih.

Missierna, Sliema u Glorja.

5. Id-dawl tal-fidi li nxtegħel ġo qalbek qatt ma ddgħajjef meta rajt lil Ġesù jaħdem ta' mastrudaxxa. Int dejjem emmint li ż-żgħażugħ li kellek ħdejk jaħdem miegħek kien l-Iben ta' Alla nnifsu. Hu u jaħdem kont tara fih, ir-rieda sħiħa li jwassal għat-tmiem il-pjan imfassal minn Alla, fih rajt ir-rieda li jilqa' u jibdel it-tbatija f'mezz ta' għajxien.

Missierna, Sliema u Glorja.

# Talba

San Ġużepp, miegħek inroddu ħajr lil Alla għall-grazzja li tak li taħdem maġenb l-Iben tiegħu fir-remissa ta' mastrudaxxa. Agħti lilna lkoll li, bil-għajnuna ta' Alla, inarsu d-dinjità tax-xogħol u ta' min jaħdem u nkunu kuntenti bil-ħidma tagħna, hi x'inhi. Għallimna naħdmu biss għal Alla u ningħaqdu miegħu bl-umiltà kollha fit-talb biex ix-xogħol tagħna u ta' kull bniedem ikun il-mezz li bih niksbu għalina nfusna dik l-għaqda li kellek int mal-Mulej. Iftħilna qalbna u moħħna biex inqaddsu lilna nfusna u x-xogħol tagħna biex inkunu nixbħu lill-Missier fil-ħidma tiegħu għall-bnedmin kollha. Amen.

# Jum 8
# Ħabib fit-Tbatija

1. San Ġużepp, is-sehem tiegħek fit-tbatija huwa kbir u ġej mir-rabta fl-għaqda mal-Feddej tad-dinja. Il-ġrajjiet ta' ħajtek huma kollha minsuġa mal-misteri tat-tbatija. Il-faqar dejjem għafas fuqek u s-salib tax-xogol ġarrejtu miegħek kullfejn mort.ma kontx meħlus laqnas mis-slaleb li ġġib magħha il-ħajja tal-familja, minħabba dak li ġara lil Ġesù u lil Marija li kienu kollox għalik. Żgur li ġarrabt tbatija kbira minħabba d-dubji li tqanqlu fik dwar it-tnissil ta' Iben Marija; meta tajt l-isem lil Binha, isem li kien ħabbâr ta' ġejjieni mimli saram. Daqqiet ta' ħarta kbar ukoll kienu l-kliem ta' Xmun, il-ħarba lejn l-Eġittu u t-telfien ta' Ġesù fil-festa ta' l-Għid. Ma' dawn ukoll kellek il-wġgħa tad-dnub tal-poplu tiegħek.

   Missierna, Sliema u Glorja.

2. Int ħarist lejn din it-tbatija kollha kif ħares lejha Ġesù, u għalhekk int ta' eżempju għalina. Qatt mm nstema' ħoss ħiereġ minn fommok biex tgerger jew tonqos mis-sabar; int kont tassew il-qaddis tas-skiet. Int ċedejt kollox fi spirtu ta' fidi, umiltà, fiduċja u mħabba u bil-ferħ erfajt salibek f'għaqda sħiħa ma' Ġesù u ma' Marija, għax kont taf li l-imħabba vera, hija l-imħabba tas-salib.

   Missierna, Sliema u Glorja.

3. Kien providenzjali għalina li l-Missier għażel għalik it-triq tat-tbatija, biex il-mod kif erfajt fuq spalltek is-salib tiegħek int ikun ta' eżempju għalina kif nerfgħu salibna fit-tirq tagħna, u biex waqt il-mumenti tal-feħ li jagħtina Alla, nħejju ruħna għal waqtiet tat-tbatija. Għallimna nġorru salibi fi spirtu ta' fidi, fiduċja u radd il-ħajr lil Alla. Fil-ħajja ta' dejjem aħna wkoll irridu li nfaħħru u nroddu ħajr lil Alla għat-tbatija li afdalna fil-mixja tagħna fuq l-art, u li, fuq l-eżempju tiegħek, aħna nkunu ġarrabna kollox bil-paċenzja u b'imħabba kbira lejn Ġesù u Marija.

   Missierna, Sliema u Glorja.

4. Int tassew il-martri tal-ħajja l-moħbija. Din kienet ir-reida ta' Alla għalik, u mhux ta' b'xejn, għax iktar kemm bniedem jilħaq livell għoli ta' qdusija, iktar jiġi mġarrab għall-glorja u l-imħabba ta' Alla. Jekk it-tbatija hija l-qofol tal-grazzja ta' Alla fir-ruħ tal-bniedem, għax int l-ikbar wieħed fost il-qaddisin wara Marija, mela int batejt iktar mill-martri.

   Missierna, Sliema u Glorja.

5. Għax int għaddejt mill-wied tat-tbatija, int l-iktar wieħed ħanin u kollok mogħdrija ma' min hu fil-bżonn. Matul iż-żminijiet, ħafna daru lejk fil-ħin tal-maltemp ta' ħajjithom u fik sabu dejjem il-ħabib fidil fit-tbatija tagħhom. Int dejjem smajt it-

tnehid u t-talb tagħhom u għinthom, ukoll meta n-natura stess kienet kontra. Minħabba r-rabta ta' intimità kbira li kellek u li għad għandek ma' Ġesù u Marija, l-interċessjoni tiegħek għalina quddiemhom hija ta' qawwa kbira.

Missierna, Sliema u Glorja.

## Talba

San Ġużepp, miegħek inroddu ħajr lil Alla li tak li tbati għal Ibnu u għal Marija. Għal din il-grazzja li ġejt imżejjen biha, aqlgħilna mingħand Alla li nġarrbu t-tbatija tagħna b'sabar kbir għal Ġesù u għal Marija. Agħtina li ngħaqqdu l-weġgħat tagħna, ix-xogħol u l-inkwiet kollu tagħna mas-sagrifiċċju ta' Kristu fil-Quddiesa u, b'qawwa kbira, ngħixu ma' Marija, kif għamilt int, fi spirtu ta' sagrifiċċju. Amen.

# Jum 9
# Patrun ta' mewta tajba

1. San Ġużepp, kemm kien tassew jixraq li Ġesù flimkien ma' Marija, il-ħlewwa u t-tama ta' kull bniedem, ikunu ħdejk fil-ħin tat-tluq tiegħek minn din id-dinja. Int li tajt ħajtek għalihom, sa l-inqas nifs, stħaqqlek ix-xorti li tmut f'idejhom. Int aċċettajt il-mewt tiegħek bħala l-aħħar sinjal ta' l-għotja sħiħa tiegħek lir-rieda ta' Alla, u dan il-ħin kien għalik il-kuruna tar-rebħa tal-ħajja moħbija tiegħek mimlija bil-virtù. Il-ħaqq għalik kien ħlejju, b'Ġesù li int ħarist b'tant imħabba, bħala mħallef tiegħek, u b'Marija l-avukata tiegħek. Is-sentenza għalik kienet waħda ħelwa; int kellek tistenna ftit biex tkun l-ewwel wieħed li tgawdi mill-frott tal-Qawmien mill-imwiet; u bħalma Ġesù kien l-aħħar wieħed li għannqek miegħu qabel ħadt l-aħħar nifs tiegħek, hekk kienet għalik l-ewwel tgħanniqa tiegħu wara li Hu qam mill-imwiet, biex idaħħlek fis-saltna tiegħu li ma tintemmx.

Missierna, Sliema u Glorja.

2. Int ħarist lejn il-premju tiegħek fil-ħajja ta' dejjem bil-ferħ. Għax jekk il-feddej tagħna bierek lir-rgħajja, lill-maġi, lil Xmun fit-tempju, lil Ġwanni l-Battista u lil oħrajn, għax laqgħu bil-ferħ il-preżenza tiegħu u tawh qalbhom imqar għall-ftit, kif jista jkun li ma berikx lilek li qaddist lilek innifsek bil-grazzja ta' Alla, matul ħajtek kollha int u tgħix ma' Iben Alla u ommu? U jekk Ġesù stess qalilna li kull ma nagħmlu ma' min hu fil-bżonn f'ismu nkunu qegħdin nagħmluh miegħu, u ta' dan wiegħedna l-ħajja ta' dejjem, ara kemm iktar radd ħajr lilek, li fil-veru sens tal-kelma, għamilt minn kollox miegħu fil-waqt li hu kelllu bżonnok l-iktar; lilek li ħabbejtu bħala Ibnek u tajtu dak li kull missier li jħobb 'l uliedu jagħtihom.

Missierna, Sliema u Glorja.

3. Alla ddejjen miegħek. Il-Feddej divin tagħna ħallas fil-waqt tal-mewt tiegħek dak kollu li int għamilt miegħu matul ħajtek u ħajtu flimkien, l-iktar għall-imħaba li int urejt miegħu li hi l-aqwa fost l-għotjiet. Għalhekk fl-aħħar ħin ta' ħajtek qalbek faret bl-imħabba, bil-ħeġġa u bit-ħannin li l-ġisem dgħajjef tiegħek ma felaħx għalihom. Ir-ruħ tiegħek ma felħitx tħobb iżjed marbuta mas-sura tal-ġisem tal-bniedem u għalhekk ittajret lejn dak li hu l-ikar u dejjem qawwi biex jagħti lilu nnifsu, lejn dak li hu bla tarf biex iħobb. Ma setax jonqos li int tkun l-ewwel wieħed li tifraħ bil-Qawmien mill-imwiet, għax jekk il-profeti u l-patrijarki ħabbru l-fidwa bi kliemhom, int għextha flimkien ma' l-Iben ta' Alla nnifsu.

Missierna, Sliema u Glorja.

# Talba

San Ġużepp, miegħek inroddu ħajr lil Alla li tak il-grazzja li tmut f'dirgħajn l-Iben tiegħu Ġesù. Għal merti tal-mewt tiegħek u l-mod kif għaddejt minn din il-ħajja għall-ħajja ta dejjem aqla' lilna wkoll il-grazzja ta' mewta tajba. Għinna ngħaddu kull jum ta' ħajjitna nħejju ruħna għall-mewt tagħna. Għinna nintrabtu mar-reida ta' Alla biex immutu, bħalek mgħannqin minn Ġesù, msaħħin bit-tqarbin imqaddes u midlukin biż-żejt tal-Ispirtu s-Santu; għinna nħarsu, dakinhar ukoll lejn il-wiċċ ħelu ta' Marija, kif għamilt int, u li l-aħħar kelma minn fommna tkun l-isem sabiħ tagħha. Amen.

# Talba lil San Ġużepp

O mqaddes Ġużeppi, fil-hemm li fih ninsabu, lejk nirrikorru u b'tama kbira nsejħu l-ħarsien tiegħek, wara li ħarist l-Għarusa Mqaddsa tiegħek. Mela f'ġieħ dik ir-rabta għażiża ta' mħabba li biha kont marbut max-Xebba bla tebgħa, Omm Alla, u f'ġieħ dik l-imħabba ta' Missier li biha ħabbejt lit-tfajjel Ġesù, nitolbuk li tħares ħarsa ħelwa lejn il-wirt għażiż li Ġesù Kristu rebaħ b'demmu, u bis-setgħa u bil-għajnuna tiegħek tidħol għalina fil-bżonnijiet tagħna.

Kif inti, O Ġużeppi, kont taħseb f'din l-art għall-Familja Divina u tħarisha, hekk ukoll ħu ħsieb tal-familja maħtura ta' Ġesù Kristu. Eqred minn ġo nofsna, O missier ħanin, din il-marda ta' żbalji u ta' ħażen li qegħdin imarrdu d-dinja. Ieqaf magħna mis-smewwiet, f'din il-gwerra li għandna mal-qawwa tad-dlamijiet, O Protettur qawwi tagħna. U kif darba ħlist mill-mewt lill-Bambin Ġesù, hekk issa eħles lill-Knisja Mqaddsa ta' Alla mit-tnassis tal-għedewwa u minn kull hemm. Xerred dejjem fuq kull wieħed minna il-kenn tiegħek, sabiex, bl-eżempju u bil-għajnuna tiegħek nistgħu ngħixu ħajja qaddisa, nagħmlu mewta tajba, u naqilgħu l-hena ta' dejjem ġewwa l-Ġenna. Amen.

# Talba Għal-Grazzja Speċjali

O l-iktar imbierek San Ġużepp, missier kollok imħabba ta' l-Iben ta' Alla, għassies fidil ta' Ġesù, għarus kastissmu ta' Omm Alla magħmul bniedem, nitolbok tingħaqad miegħi biex inrodd ħajr u nfaħħar lil Alla l-Missier b'Ibnu Ġesù Kristu Sidna li miet fuq is-salib u qam mill-mewt għalina u għall-fidwa tagħna mid-dnub u l-mewt. B'l-isem qaddis ta' Ġesù, itlob għalija li naqla mingħand il-Missier din il-grazzja li għandi tant bżonn (*hawnhekk wieħed isemmi l-grazzja li jixtieq jaqla'*) Aħna, li nqasna ħafna lill-imħabba li Alla juri magħna, nitolbu ħniena għalina u għal-ħutna. Tinsiex O kbir Qaddis li tgawdi għal dejjem l-Imħabba ta' Alla, in-niket ta' dawk li jibku. Għat-talb tiegħek u ta' l-għarusa Mqaddsa tiegħek, j'Alla l-imħabba ta' Ġesù Kristu twieġeb is-sejħa tagħna u tkompli timliena bit-tama. Amen.

# Talba għall-Ħaddiema

Mulej Ġesù, li ma stmerrejtx issir bniedem bħalna fil-ġuf ta' Marija Verġni u poġġejt lilek innifsek taħt il-ħarsien għaqli u ġust ta' San Ġużepp, ilqa' dan it-talb li aħna qegħdin nagħmlu bi ħrara kbira għall-ħarsien ta' dawk kollha li bil-ħidma tagħhom ikabbru d-dinjità tal-bniedem u jsebbħu l-ħolqien.

Int li ħdimt ma' San Ġużepp fil-ħanut tax-xogħol tiegħu u miegħu tgħallimt x'jiġifieri tbatija, sagrifiċċju, impenn, bżulija u dedikazzjoni, agħti kull għajnuna li għandhom bżonn lill-ħaddiema kollha. Kun magħhom u bierek il-ħidma kollha tagħhom; eħlishom minn kull tiġrib u perikli u għinhom jfihmu li bil-ħidma tagħhom huma jistgħu jagħmlu l-ġid lill-ħuthom il-bnedmin. Bierek is-sagrifiċċji li huma jagħmlu għal uliedhom u bierek il-familji tagħhom. Urihom li bix-xogħol tagħhom jistgħu jitqaddsu huma, u jgħinu fil-qdusija ta' l-oħrjan kif għamel San Ġużepp, il-missier putattiv tiegħek; urihom li l-ħidma tagħhom marbuta mar-rieda tal-misser hija għodda l-iktar siewja biex il-bnedmin jilħqu l-perfezzjoni. Għinhom jagħrfu wkoll il-ħtieġa tal-mistrieħ.

Ftakar ukoll f'dawk li jmexxu l-ħaddiema, dawk li għandhom xi awtorità, l-għaqdiet tal-ħaddiema kollha, biex ilkoll kemm huma b'fehema waħda, minkejja l-istili differenti tagħhom, iħabirku kemm jifilħu għall-ġid tal-ħaddiema kollha, biex issaltan fosthom l-għaqda u l-ġustizzja.

Għin lil min iħaddem biex iħares id-dinjità li Int ksibt għalina bil-mewt ul-Qawmien tiegħek u li biha sirna ulied Alla, tiegħu innifsu u ta' dawk kollha li jaħdmu miegħu, jagħtihom ħlas xieraq għall-ħidma tagħhom u jkun għalihom missier f'isem il-Missier tagħna tas-sema.

Agħti għajnuna kbira lil min għandu bżonn ix-xogħol, iżda għal xi raġuni jew oħra, m'għandux; għal dawk kollha li huma qiegħeda. Agħtihom li jsibu xogħol li jwetihom.

Għat-talb ta' San Ġużepp, għin lilna lkoll nifhmu l-ħtieġa li naħdmu bla rażan għat-tkabbir tal-glorja tiegħek, u biex b'ħidmitna, hi x'inhi, nagħtu ġieħ lilek, l-imiseħeb ewlieni fil-ħidma tal-ħolqien, u nseddqu l-għaqda, il-ġustizzja u l-imħabba fost il-bnedmin tad-dinja kollha. Amen.